MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2014

Numru 583/2014

Il-Pulizija

(Spettur Jason Francis Sultana)

vs

Daryl  Mark Pace

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 440092(m) akkuzat talli:

1. fil-lejl ta' bejn it-18 u t-19 ta' Gunju 2014 f'diversi hinijiet f'dawn il-gzejjer assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt ta' serq li ghalih hemm il-piena ta' prigunerja, kif ukoll kien komplici ma persuna jew persuni fl-atti li bihom id-delitt gie ipprepaprat jew ikkunsmat u dan bi ksur ta' Artikolu 48A u 42 ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ikkometta serq ta' flus kontanti u sigaretti ta' valur li jeccedi € 2329.37, minn gewwa il-hanut bl-isem ta' College Style. Triq J. Borg , Msida liema serq huwa kwalifikat, bil-mezz, bil-valur, u bil-hin ghad-detriment ta' Anna Ciancio, detentrici tal-karta tal-identita' numru 587263M u jew ta' persuni jew entitajiet

ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 261(b)(c)(f), 263(a)(b), 264(1), 267, 270, 280(2), 281(b), ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli fl-istess zmien laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, u / jew xjentement b'kull mod indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur ta' Artikolu 334(a) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. ghamel reat li ghalih hem mil-piena ta' prigunerija, waqt perjodu operattiv ta' sentenza, ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin, moghtija mill-Magistrat Dr.Natasha Galea Sciberras LL.D. nhar l-14 ta' Marzu 2014;
5. fl-20 ta' Gunju 2014 u / jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, meta l-indirizz fuq il-karta tal-identita' tal-imputata ma baqax iktar validu jew, xort'ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien , hija naqset milli tirraporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqset milli tikkonsenja l-istess karta tal-identita' mhux korretta lil, u li taghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficjal;

Semghat lill-imputat jirregistra ammissjoni, fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Fuq tali ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu hati.

Rat l-Artikolu 42, 48A, 261 (b)(c)(f), 263(a)(b), 264(1), 267, 270, 280(2), 281(b), 28 B, 17, 31 tal-Kap 9 u 19 u 24 tal-Kap 258.

Tikkundannah kif ser jinghad:

- hmistax il-xahar prigunerija sospizi ghal erba snin, b'ordni ta' supervizzjoni tul tlett snin mill-lum, li fihom perjodikament, a deskrizzjoni tal-ufficjal tal-probabtion, l-imputat ghandu jsirulu testijiet tad-demm jew urina, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A u 28 G tal-Kap 9.
- testendi s-sentenza sospiza tal-14 ta' Marzu 2014, moghtija minn dina l-Qorti, diversament preseduta ai termini tal-Artikolu 28 B tal-Kap 9.
- rigward ir-raba akkuza, trattasi ta' ksur tal-Kap 258, tastjeni ai termini tal-Artikolu 24.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------